REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 593/2012

tal-5 ta' Lulju 2012

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2042/2003 dwar il-kapaċità kontinwata li jintużaw fl-ajru ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008 dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1702/2003 tal-24 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni biex inġenji tal-ajru, prodotti, partijiet u tagħmir relatat jiġu ċertifikati bħala tajbin għall-ajru [ajrunavigabbli] u li ma jagħmlux ħsara ambjentali, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati maddisinn u l-produzzjoni tagħhom [2], waqt li jżomm livell għoli uniformi tas-sikurezza tal-avjazzjoni fl-Ewropa, ġie emendat sabiex inġenji tal-ajru mhux komplessi li jaħdmu b'mutur, inġenji tal-ajru rikreattivi, u prodotti, partijiet u tagħmir relatati, jiġu suġġetti għall-miżuri proporzjonali għad-disinn sempliċi u t-tip ta' operazzjoni tagħhom.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2042/2003 tal-20 ta' Novembru 2003 dwar il-kapaċità kontinwata li tintuża fl-ajru [l-ajrunavigabbiltà kontinwa] ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiku, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol [3] għandu jiġi emendat biex jibqa' konsistenti mat-tibdil introdott fir-Regolament (KE) Nru 1702/2003, b'mod partikulari fir-rigward tad-definizzjoni l-ġdida tal-inġenji tal-ajru ELA1 u l-possibbiltà li jiġu aċċettati ċerti partijiet mhux kritiċi f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza għal installazzjoni mingħajr il-Formula 1 tal-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (European Aviation Safety Agency — EASA).

(3) B'konformità mal-Artikolu 19(1) tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Avjazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija") ippreparat abbozz ta' regoli ta' implimentazzjoni u ppreżentathom lill-Kummissjoni bħala l-opinjoni Nru 01/2011 tagħha dwar il-"Proċess ELA u t-tibdil u t-tiswija Standard".

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 65 tar-Regolament (KE) Nru 216/2008,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 2042/2003 għandu jiġi emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punt (k) jinbidel b'dan li ġej:

"(k) 'inġenju tal-ajru ELA1' ifisser l-Inġenji tal-Ajru Ħfief Ewropej bl-ekwipaġġ li ġejjin:

(i) ajruplan bil-mutur b'Massa Massima għat-Tluq (Maximum Take-off Mass - MTOM) ta' 1 200 kg jew inqas li mhuwiex ikklassifikat bħala inġenju tal-ajru kumpless li jaħdem b'mutur;

(ii) glider jew glider bil-mutur b'MTOM ta' 1 200 kg jew anqas;

(iii) ballun b'volum massimu ta' disinn ta' gass għall-irfigħ jew ta' arja sħuna ta' mhux aktar minn 3 400 m^3 għal blalen tal-arja sħuna, 1 050 m^3 għal blalen tal-gass, 300 m^3 għal blalen tal-gass marbutin;

(iv) ġifen tal-ajru maħsub għal mhux aktar minn 4 persuni u b'volum massimu ta' disinn ta' gass għall-irfigħ jew ta' arja sħuna ta' mhux aktar minn 3 400 m^3 għal ġifen tal-arja sħuna u 1 000 m^3 għal ġifen tal-gass."

(2) L-Anness I (il-Parti-M) u l-Anness II (il-Parti-145) jiġu emendati skont l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

[1] ĠU L 79, 19.3.2008, p. 1.
[2] ĠU L 243, 27.9.2003, p. 6.
[3] ĠU L 315, 28.11.2003, p. 1.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2012.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

1) L-Anness I (il-Parti-M) għar-Regolament (KE) Nru 2042/2003 huwa emendat kif ġej:

(a) Fil-punt M.A.302, il-paragrafu (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) Il-programm ta' manutenzjoni tal-inġenju tal-ajru għandu jistabbilixxi konformità ma':

(i) l-istruzzjonijiet maħruġa mill-awtorità kompetenti;

(ii) l-istruzzjonijiet għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà:

— maħruġa mid-detenturi ta' ċertifkat tat-tip, ċertifikat tat-tip ristrett, ċertifikat tat-tip supplimentari, approvazzjoni tad-disinn ta' tiswija maġġuri, awtorizzazzjoni tal-ETSO jew ta' kwalunkwe approvazzjoni relevanti oħra maħruġa skont ir-Regolament (KE) Nru 1702/2003 u l-Anness għalih (il-Parti-21); kif ukoll

— inklużi fl-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni msemmija fil-punt 21A.90B jew 21A.431B tal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, jekk applikabbli;

(iii) istruzzjonijiet addizzjoniali jew alternattivi proposti mis-sid jew mill-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa meta approvati skont il-Punt M.A.302, minbarra l-intervalli ta' xogħlijiet relatati mas-sikurezza msemmija fil-paragrafu (e), li jistgħu jiżdiedu, suġġetti għal reviżjonijiet biżżejjed magħmula skont il-paragrafu (g) u meta suġġetti għall-approvazzjoni diretta skont il-punt M.A.302(b) biss."

(b) Il-punt M.A.304 jinbidel b'li ġej:

"**M.A.304 Dejta għal modifiki u tiswijiet**

Għandha ssir valutazzjoni tal-ħsara, u l-modifiki u t-tiswijiet jitwettqu bl-użu skont kif xieraq ta':

(a) dejta approvata mill-Aġenzija, jew

(b) dejta approvata minn organizzazzjoni tad-disinn tal-Parti-21, jew

(c) dejta inkluża fl-Ispeċifikazzjonijiet taċ-Ċertifikazzjoni msemmija fil-punt 21A.90B jew 21A.431B tal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003."

(c) Il-punt M.A.502 huwa emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Għajr għall-komponenti msemmija fil-punt 21A.307(c) tal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003, il-manutenzjoni tal-komponenti għandha titwettaq minn organizzazzjonijiet tal-manutenzjoni approvati kif xieraq skont it-Taqsima A, is-Subparti F ta' dan l-Anness (il-Parti M) jew l-Anness II (il-Parti-145)."

(ii) jiddaħħal paragrafu (e) ġdid:

"(e) Il-manutenzjoni ta' komponenti msemmija fil-21A.307(c) tal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għandha titwettaq minn organizzazzjoni ggradata A approvata skont it-Taqsima A, is-Subparti F ta' dan l-Anness (il-Parti-M) jew il-Parti-145, minn persunal li jiċċertifika msemmi fil-punt M.A.801(b)2 jew minn sid pilota msemmi fil-punt M.A.801(b)3 filwaqt li komponent bħal dan jitwaħħal fl-inġenju tal-ajru jew jitneħħa temporanjament għal aċċess aħjar. Il-manutenzjoni tal-komponent imwettqa skont dan il-paragrafu mhijiex eliġibbli għall-ħruġ ta' Formula 1 tal-EASA u għandha tkun suġġetta għar-rekwiżiti ta' ħruġ għall-użu ta' inġenju tal-ajru skont il-punt M.A.801."

(d) Fil-punt M.A.613, il-paragrafu (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Mat-tlestija tal-manutenzjoni tal-komponenti meħtieġa kollha f'konformità ma' din is-Subparti, għandu jinħareġ ċertifikat ta' ħruġ għall-użu tal-komponent skont il-punt M.A.802. Il-Formula 1 tal-EASA għandha tinħareġ għajr għal dawk il-komponenti li l-manutenzjoni tagħhom issir skont il-punti M.A.502(b), M.A.502(d) jew M.A.502(e) u l-komponenti ffabbrikati skont il-punt M.A.603(c)."

(e) Il-punt M.A.614, il-paragrafu (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) L-organizzazzjoni tal-manutenzjoni approvata għandha tipprovdi kopja ta' kull ċertifikat ta' ħruġ għall-użu lil sid l-inġenju tal-ajru, flimkien ma' kopja ta' kwalunkwe dejta speċifika dwar tiswija/modifika użata għal tiswijiet/modifiki mwettqa."

(f) Fil-punt M.A.710, il-paragrafu (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Sabiex ikun issodisfat ir-rekwiżit għar-reviżjoni tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenju tal-ajru msemmi fil-punt M.A.901, għandha titwettaq reviżjoni sħiħa dokumentata tar-reġistri tal-inġenju tal-ajru mill-organizzazzjoni tal-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa sabiex jiġi ssodisfat li:

1. is-sigħat tat-tajran u ċ-ċikli tat-tajran assoċjati tal-qafas, il-magna u l-iskrejjen ikunu ġew irreġistrati kif suppost; u

2. il-manwal tat-tajran ikun applikabbli għall-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru u jirrifletti l-aħħar status tar-reviżjoni; u

3. il-manutenzjoni kollha li għandha ssir lill-inġenju tal-ajru skont il-programm approvat tal-manutenzjoni tkun saret; u

4. kull difett magħruf ikun issewwa jew, meta applikabbli, ġestit b'mod ikkontrollat; u

5. id-direttivi kollha applikabbli tal-ajrunavigabbiltà jkunu ġew applikati u rreġistrati kif suppost; u

6. il-modifiki u t-tiswijiet kollha applikati lill-inġenju tal-ajru jkunu ġew irreġistrati u huma konformi mal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003; u

7. il-komponenti kollha bi żmien limitat tal-użu installati fuq l-inġenju tal-ajru jkunu identifikati u rreġistrati kif suppost u ma jkunux qabżu l-limitu approvat taż-żmien tal-użu tagħhom; u

8. il-manutenzjoni kollha tkun inħarġet skont l-Anness I (il-Parti-M); u

9. id-dikjarazzjoni attwali dwar il-massa u l-bilanċ tirrifletti l-konfigurazzjoni tal-inġenju tal-ajru u hija valida; u

10. l-inġenju tal-ajru jikkonforma mal-aħħar reviżjoni tad-disinn tat-tip tiegħu approvat mill-Aġenzija; u

11. jekk meħtieġ, l-inġenju tal-ajru jkollu ċertifikat akustiku li jikkorrispondi għall-konfigurazzjoni attwali tal-inġenju tal-ajru f'konformità mas-Subparti I tal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003."

(g) Il-punt M.A.802, il-paragrafu (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) Iċ-ċertifikat ta' ħruġ awtorizzat, identifikat bħala l-Formula 1 tal-EASA, jikkostitwixxi ċ-ċertifikat ta' ħruġ għall-użu ta' komponent, għajr meta din il-manutenzjoni fuq komponenti ta' inġenju tal-ajru tkun twettqet skont il-punt M.A.502(b), il-punt M.A.502(d) jew il-punt M.A.502(e), fejn f'dak il-każ il-manutenzjoni tkun suġġetta għall-proċeduri ta' ħruġ ta' inġenju tal-ajru skont il-punt M.A.801."

(h) Il-punt M.A.902, il-paragrafu (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) Inġenju tal-ajru ma għandux itir jekk iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà tiegħu jkun invalidu jew jekk:

1. l-ajrunavigabbiltà kontinwa tal-inġenju tal-ajru jew kwalunkwe komponent tal-inġenju tal-ajru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' din il-Parti, jew;

2. l-inġenju tal-ajru ma jibqax jikkonforma mad-disinn tat-tip approvat mill-Aġenzija; jew

3. l-inġenju tal-ajru jkun ġie operat iżjed mil-limiti tal-manwal tat-titjiriet approvati jew iċ-ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà, minħajr ma tittieħed azzjoni xierqa; jew

4. l-inġenju tal-ajru jkun involut f'aċċident jew inċident li jaffettwa l-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru, minħajr ma tittieħed azzjoni sussegwenti xierqa biex jerġa' jsir ajrunavigabbli; jew

5. modifika jew tiswija ma tkunx konformi mal-Annes (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.";

(i) Fil-punt (b) (xogħlijiet) tal-Appendiċi VIII tal-Anness I (il-Parti-M), il-paragrafu (8) jinbidel b'dan li ġej:

"(8) ikun elenkat fl-Appendiċi VII jew ikun xogħol ta' manutenzjoni ta' komponenti skont il-punt M.A.502(a),(b),(c) jew (d)."

2) L-Anness II (il-Parti-145) għar-Regolament (KE) Nru 2402/2003 huwa emendat kif ġej:

(a) Il-punt 145.A.42 huwa emendat kif ġej:

(i) il-paragrafu (a) jinbidel b'dan li ġej:

"(a) Il-komponenti kollha għandhom jiġu kklassifikati u ssegregati kif xieraq fil-kategoriji li ġejjin:

1. Komponenti li huma f'kundizzjoni sodifaċenti, maħruġa fuq Formula 1 tal-EASA jew ekwivalenti, u mmarkati skont is-Subparti Q tal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.

2. Il-manutenzjoni fuq komponenti li ma jistax isir servizz fuqhom issir skont din it-taqsima.

3. Komponenti li mhumiex salvabbli li huma kklassifikati skont il-punt 145.A.42(d).

4. Partijiet standard użati fuq inġenju tal-ajru, magna, skrun jew komponent ieħor ta' inġenju tal-ajru meta jkunu speċifikati fil-katalgu bl-istampi tal-partijiet tal-manufattur u/jew id-dejta tal-manutenzjoni.

5. Materjal, kemm jekk bażiku jew li jiġu kkunsmat, użat matul il-manutenzjoni meta l-organizzazzjoni tkun sodisfatta li l-materjal huwa skont l-ispeċifikazzjoni meħtieġa u għandu traċċabbiltà xierqa. Il-materjal kollu għandu jkun akkumpanjat minn dokumentazzjoni li b'mod ċar tirreferi għall-materjal partikulari u jkun fiha dikjarazzjoni ta' konformità mal-ispeċifikazzjoni flimkien kemm mas-sors tal-manufattur kif ukoll tal-fornitur.

6. Komponenti msemmija fil-punt 21A.307(c) tal-Annes (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003.";

(ii) Jiżdied il-paragrafu (e) ġdid li ġej:

"(e) Il-komponenti msemmija fil-punt 21A.307(c) tal-Anness (il-Parti-21) għar-Regolament (KE) Nru 1702/2003 għandhom jiġu installati biss jekk huma kkunsidrati eliġibbli għall-installazzjoni minn sid l-inġenju tal-ajru fl-istess inġenju tal-ajru.";

(b) Fil-punt 145.A50, il-paragrafu (d) jinbidel b'dan li ġej:

"(d) Meta titlesta kwalunkwe manutenzjoni fuq komponent li jkun tneħħa mill-inġenju tal-ajru għandu jinħareġ ċertifikat ta' ħruġ għall-użu. Iċ-ċertifikat ta' ħruġ awtorizzat 'Formula 1 tal-EASA' msemmi fl-Appendiċi II tal-Anness I (il-Parti-M) jikkostitwixxi ċ-ċertifikat tal-ħruġ għall-użu tal-komponenti għajr jekk speċifikat mod ieħor fil-punt M.A.502(b) jew M.A.502(e). Meta organizzazzjoni tagħmel manutenzjoni fuq komponent għall-użu tagħha stess, il-Formola 1 tal-EASA tista' ma tkunx meħtieġa, skont il-proċeduri interni tal-ħruġ tal-organizzazzjoni definiti fil-preżentazzjoni."

(c) Fil-punt 145.A.55, il-paragrafu (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) L-organizzazzjoni għandha tipprovdi kopja ta' kull ċertifikat ta' ħruġ għall-użu lill-operatur tal-inġenju tal-ajru, flimkien ma' kopja ta' kwalunkwe dejta speċifika dwar tiswija/modifika użata għal tiswijiet/modifiki mwettqa."

(d) Fil-punt 145.A.65, il-paragrafu (b) jinbidel b'dan li ġej:

"(b) L-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċeduri miftehma mill-awtorità kompetenti li jqisu fatturi umani u l-prestazzjoni umana sabiex jiżguraw prassi tajba ta' manutenzjoni u konformità ma' din il-Parti, li jinkludu ordni ċara ta' xogħol jew kuntratt sabiex dak l-inġenju tal-ajru u l-komponenti jkunu jistgħu jinħarġu għall-użu skont il-punt 145.A.50.

1. Il-proċeduri ta' manutenzjoni skont dan il-paragrafu japplikaw għall-punti 145.A.25 sa 145.A.95.

2. Il-proċeduri ta' manutenzjoni stabbiliti jew li ser jiġu stabbiliti mill-organizzazzjoni skont dan il-paragrafu għandhom ikopru l-aspetti kollha tat-twettiq tal-attività ta' manutenzjoni, inkluż il-forniment u l-kontroll ta' servizzi speċjalizzati u l-istabbiliment tal-istandards li l-organizzazzjoni beħsiebha taħdem bihom.

3. Fir-rigward tal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru, kemm dik li ssir fuq l-ajruplan fil-bażi kif ukoll dik li ssir mhux fil-bażi, l-organizzazzjoni għandha tistabbilixxi proċeduri biex timminimizza r-riskju ta' żbalji multipli u taqbad l-iżbalji f'sistemi kritiċi, u biex tiżgura li l-ebda persuna ma tkun meħtieġa biex twettaq u tispezzjoni xogħol ta' manutenzjoni li jinvolvi xi element ta' żarmar/bini mill-ġdid ta' bosta komponenti tal-istess tip li jitwaħħlu fuq iktar minn sistema waħda fuq l-istess inġenju tal-ajru matul kontroll partikulari ta' manutenzjoni. Madankollu, meta persuna waħda biss tkun disponibbli biex twettaq dawn ix-xogħlijiet, il-karta jew il-lista tax-xogħlijiet tal-organizzazzjoni għandha tinkludi stadju addizzjonali għal spezzjoni mill-ġdid tax-xogħol imwettaq minn din il-persuna meta l-istess xogħlijiet jitlestew għal kollox.

4. Għandhom jiġu stabbiliti proċeduri ta' manutenzjoni sabiex jiżguraw li l-ħsara tiġi vvalutata u li l-modifiki u t-tiswijiet jitwettqu bl-użu ta' dejta speċifikata fil-punt M.A.304."